MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.

## MARSEANN FARRUGIA

Seduta tas-6 ta' Mejju, 2015

Avviz Numru. 388/2014

**Pace & Pace Company Limited**

**vs**

**Kurt Galea Pace**

Il-Qorti,

Rat ir-rikors tas-socjeta` attrici fejn talbet li l-konvenut jigi kkundannat ihallas lis-socjeta attrici s-somma ta’ tlett elef, disa’ mija u wiehed u erbghin Euro u tmienja u sebghin centezmu (€3,941.78) rapprezentanti bilanc dovut minnu ghal merce lilu mibjugha u kkunsenjata u ghal servizzi rezi lilu, liema ammont hu ma hallasx minkejja bosta interpellazzjonijiet.

Bl-imghax kummercjali mid-data ta’ kull konsenja u kull ghotja ta’ servizz u bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-ittra ufficjali datata l-1 t’Ottubru, 2014 u dawk tal-mandat ta’ sekwestru pprezentat fl-istess jum.

Rat li l-konvenut debitament notifikat ma deherx ghas-seduta tat-22 t'April, 2015 u lanqas ipprezenta risposta.

Rat li fl-istess seduta, is-socjeta attrici pprezentat kapitolu ghas-subizzjoni tal-konvenut.

Rat li fis-seduta sussegwenti tas-6 ta' Mejju, 2015, il-konvenut imsejjah tlett darbiet naqas li jidher, u ghalhekk il-kapitolu tas-socjeta` attrici ghandu jitqies bhala mistqarr.

Konsegwentement, il-Qorti tilqa' t-talba tas-socjeta` attrici u tikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' tlett elef, disa' mija u wiehed u erbghin Euro u tmienja u sebghin centezmu (€3,941.78), bl-imghax kummercjali mid-data ta' kull konsenja u kull ghotja ta' servizz, u bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-ittra ufficjali datata l-1 t'Ottubru, 2014 u dawk tal-mandat ta' sekwestru pprezentat fl-istess jum, kontra l-konvenut.

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------